DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/289

tas-17 ta' Frar 2017

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2005 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/393/PESK ([1]) biex ħatar lis-Sur Franz-Michael SKJOLD MELLBIN bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Afganistan.

(2) Fl-10 ta' Novembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2005 ([2]) li testendi l-mandat tar-RSUE sat-28 ta' Frar 2017.

(3) Fit-12 ta' Mejju 2016, il-Kunsill ikkonferma l-impenn tal-Unjoni li tappoġġa lill-pulizija ċivili fl-Afganistan lil hinn mit-tlestija tal-missjoni EUPOL Afghanistan fl-2016. Il-Kunsill b'mod partikolari ssottolinja li l-progress miksub mill-Afganistan fir-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u speċjalment id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, għandu jiġi konsolidat u mtejjeb u integrat aktar fl-attivitajiet kollha tal-gvern. Dak l-appoġġ għandu jingħata b'mod partikolari permezz tal-infurzar tal-mandat tar-RSUE għall-Afganistan.

(4) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur.

(5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2005 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-mandat tas-Sur Franz-Michael SKJOLD MELLBIN bħala r-RSUE għall-Afganistan huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2017. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm qabel, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).";

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/393/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2013/382/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 47).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2005 tal-10 ta' Novembru 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan (ĠU L 294, 11.11.2015, p. 53).

(2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Objettivi ta' politika

Ir-RSUE għandu jirrappreżenta lill-Unjoni u jippromovi l-objettivi ta' politika tal-Unjoni fl-Afganistan, f'koordinazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-Afganistan. B'mod aktar speċifiku, ir-RSUE għandu:

(a) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Afganistan, l-Istrateġija tal-UE f'Afghanistan 2014-16 kif ukoll għall-iżvilupp tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE fl-Afganistan 2017-2020 u, skont kif ikun meħtieġ, għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni UE-Afganistan dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp (CAPD) u tad-Direzzjoni Konġunta 'l Quddiem dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni bejn l-Afganistan u l-UE;

(b) jappoġġa d-djalogu politiku Unjoni-Afganistan;

(c) jappoġġa r-rwol ċentrali li għandha n-Nazzjonijiet Uniti (NU) fl-Afganistan b'enfasi partikolari fuq il-kontribut għal assistenza internazzjonali kkoordinata aħjar, biex b'hekk jippromovi l-implimentazzjoni tal-Communiqués tal-Konferenzi ta' Bonn, Chicago, Tokyo, Londra u Brussell, kif ukoll ir-Riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU;

(d) jappoġġa l-proċess ta' riforma fl-Afganistan lejn servizz tal-pulizija fdat u effiċjenti li jaħdem f'konformità ma' standards internazzjonali, fi ħdan il-qafas tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.";

(3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Mandat

Sabiex jitwettaq il-mandat, ir-RSUE, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fl-Afganistan, għandu:

(a) jippromovi l-fehmiet tal-Unjoni dwar il-proċess politiku u l-iżviluppi fl-Afganistan;

(b) iżomm kuntatt mill-qrib ma', u jappoġġa l-iżvilupp ta', istituzzjonijiet Afgani rilevanti, b'mod partikolari l-Gvern u l-Parlament kif ukoll l-awtoritajiet lokali. Għandu wkoll jinżamm kuntatt ma' gruppi politiċi Afgani oħra u atturi rilevanti oħra fl-Afganistan, b'mod partikolari atturi rilevanti fis-soċjetà ċivili;

(c) iżomm kuntatt mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati internazzjonali u reġjonali rilevanti fl-Afganistan, b'mod partikolari mar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju-Ġenerali tan-NU u r-Rappreżentant Ċivili Superjuri tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) u ma' sħab u organizzazzjonijiet ewlenin oħrajn;

(d) jagħti pariri dwar il-progress miksub biex jintlaħqu l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Afganistan, tal-Istrateġija tal-UE fl-Afganistan 2014-16, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni UE-Afganistan dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp (CAPD) u tal-Communiqués tal-Konferenzi ta' Bonn, Chicago, Tokyo, Londra u Brussell, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(i) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili, b'mod partikolari fil-livell sub-nazzjonali;

(ii) il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet meħtieġa għall-eżistenza tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari ġudikatura indipendenti;

(iii) ir-riformi elettorali u kostituzzjonali;

(iv) ir-riformi fis-settur tas-sigurtà, inkluż it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji u l-istat tad-dritt, l-armata nazzjonali u l-forza tal-pulizija, u b'mod partikolari, l-iżvilupp tas-servizz tal-pulizija ċivili;

(v) il-promozzjoni tat-tkabbir, b'mod partikolari permezz tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali;

(vi) ir-rispett għall-obbligi internazzjonali tal-Afganistan b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u d-drittijiet tan-nisa u t-tfal;

(vii) ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt;

(viii) it-trawwim tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-amministrazzjoni pubblika, fis-soċjetà ċivili u, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325(2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, fil-proċessi ta' paċi;

(ix) ir-rispett għall-obbligi internazzjonali tal-Afganistan, inkluża l-kooperazzjoni fl-isforzi internazzjonali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, it-traffikar illeċitu tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-proliferazzjoni tal-armi u ta' armi ta' qerda massiva u ta' materjali relatati;

(x) il-faċilitazzjoni tal-assistenza umanitarja u r-ritorn b'mod ordnat ta' refuġjati u ta' persuni spostati internament; u

(xi) it-tisħiħ tal-effettività tal-preżenza u tal-attivitajiet tal-Unjoni fl-Afganistan u l-kontribut għal:

— il-formulazzjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE fl-Afganistan 2014-16, kif mitlub mill-Kunsill;

— il-formulazzjoni tal-Istrateġija UE-Afganistan 2017-20 ġdida;

— l-implimentazzjoni tad-Direzzjoni Konġunta 'l Quddiem dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni bejn l-Afganistan u l-UE;

(e) appoġġ għall-iżvilupp ta' servizz tal-pulizija fl-Afganistan, jiġifieri permezz ta':

(i) monitoraġġ u konsulenza lill-awtoritajiet Afgani f'livell strateġiku biex jitjieb l-iżvilupp fit-tul ta' tmexxija u l-kapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet bil-għan li titrawwem il-kapaċità tal-pulizija ċivili fi ħdan il-Pulizija Nazzjonali Afgana (ANP);

(ii) monitoraġġ u konsulenza lill-Ministeru tal-Intern (MoIA) dwar aspetti magħżulin relatati mar-riforma tal-MoIA u l-professjonalizzazzjoni tal-ANP, bħall-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-pulizija fil-komunità, mal-pulizija mmexxija mill-intelligence, mal-investigazzjonijiet kriminali;

(iii) monitoraġġ u konsulenza liċ-Ċentru tal-Ġustizzja Kontra l-Korruzzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja għall-iżvilupp tal-kapaċità u l-kapaċitajiet biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni fis-settur pubbliku fil-livelli għoljin;

(f) il-parteċipazzjoni attiva f'fora ta' koordinazzjoni lokali bħall-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni u Monitoraġġ, waqt li l-Istati Membri mhux parteċipanti jinżammu infurmati b'mod sħiħ dwar id-deċiżjonijiet meħudin f'dawn il-livelli;

(g) il-parteċipazzjoni fi, u l-konsulenza dwar, il-pożizzjonijiet tal-Unjoni f'konferenzi internazzjonali fir-rigward tal-Afganistan b'kuntatti mill-qrib mal-awtoritajiet Afgani u mas-sħab internazzjonali prinċipali;

(h) it-teħid ta' rwol attiv fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali permezz ta' inizjattivi rilevanti inkluż il-Proċess tal-Qalb tal-Asja/Istanbul u l-Konferenza Reġjonali għall-Kooperazzjoni Ekonomika dwar l-Afganistan (RECCA);

(i) il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tan-nisa u t-tfal f'żoni milquta minn konflitti, speċjalment bil-monitoraġġ u l-indirizzar tal-iżviluppi f'dan ir-rigward;

(j) l-għoti, skont kif ikun meħtieġ, ta' appoġġ għal proċessi ta' paċi li jkunu inklużivi u taħt tmexxija Afgana, li jwasslu għal soluzzjonijiet politiċi negozjati u rikonċiljazzjoni dejjiema f'konformità mal-paragrafu 25 tal-Communiqué mill-parteċipanti fil-Konferenza ta' Brussell dwar l-Afganistan, is-sħubija għall-prosperità u l-paċi.";

(4) fl-Artikolu 5, fil-paragrafu 1 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Marzu 2017 sal-31 ta' Awwissu 2017 għandu jkun ta' EUR 5 700 000.";

(5) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Rieżami

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħrajn mill-Unjoni lir-reġjun għandhom jiġu rieżaminati regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sal-aħħar tal-mandat tiegħu.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
E. BARTOLO